**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 13 ta' April 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI)**

**VS**

**HARALD RUDOLF NEUHAUS**

(PERMESS TA' RESIDENZA NRU. 0293491A)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Harald Rudolf Neuhaus** ta' sitta u ħamsin (56) sena bin ġenituri mhux magħrufa, mwieled nhar il-25 ta' Settembru 1968 ġewwa l-Ġermanja, residenti ġewwa fond numru 8, 'Waterbank', Block E, Flat 5, Triq Ġużeppi Lanzon, Marsaskala detentur tal-permess tar-residenza nru 0293491A u akkużat talli nhar il-Ħamis 10 t' April 2025 għall-ħabta tas-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħodu u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond numru 8, 'Waterbank', Block E, Flat 5, Triq Gużeppi Lanzon, Marsaskala u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lil martu Yasemin Neuhaus biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, kif wkoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u dan bi ksur tal-Artikoli 251B, 251H(a)(b)(f) u 251HA tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli nhar il-Ħamis 10 t'April 2025 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa Triq Gużeppi Lanzon, Marsaskala u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkustanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra, f'dan il-kodiċi, kiser voluntarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Yasemin Neuhaus liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Harald Rudolf Neuhaus għal benefiċċju ta' Yasemin Neuhaus u l-familjari tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija,jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodici kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, il-Qorti hi ġentilment mitluba li

toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsiriha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skont ma semgħet il-Qorti, il-parte ċivile Yasemin Neuhaus irraportat mal-Pulizija illi hi u l-akkużat huma miżżewġin iżda preżentement jinsabu separati u jirrisjedu f'residenzi differenti. Qalet illi l-akkużat għandu problema ta' xorb u ta abbuż minn sustanzi illeċiti. Qalet li dakinhar tal-inċidenti huma ltaqgħu filgħodu għax kellhom xi qadi flimkien u wara marru fir-residenzi rispettivi tagħhom. Qalet li filgħodu huwa diġà kien fis-sakra. Wara nofsinhar huwa mar iħabbat wara biebha iżda hi ma fetħitlux u hu għamel xenata fit-triq u beda jgħajjarha.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din għalkemm din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difru mal-ġustizzja hawn Malta, huwa għandu bżonn tal-għajnuna sabiex jegħleb il-problema ta' abbuż mis-sustanzi u x-xorb u anke sabiex jitgħallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu f'mumenti ta' rabja.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni iżda waħda rijabilitattiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B, 251H(a)(b)(f), 251HA, 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Harald Rudolf Neuhaus** **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qed qed tpoġġih taħt Ordni ta' Probation għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum bil-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment;

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati **Harald Rudolf Neuhaus** u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment, liema Ordni ta' Trattament għandu jkun għall-perjodu ta' erba' (4) xhur mil-lum;

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħati a favur ta' **Yasemin Neuhaus** għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li huwa jifhem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, ossija r-reati odjerni minbarra l-piena għar-reati kommessi waqt il-perjodu tal-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mad-Digrieti mogħtija kontestwalment, jingħataw minnufiħ lill-ħati, lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Probation and Parole.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**